## Qorti tal-Maġistrati (Malta)

RIK NRU 235/2022: **ATLAS INSURANCE PCC LIMITED (C5601) KIF SURROGATA FID-DRITTIJIET TAL-ASSIKURAT TAGĦHA** FRANCIS BUSUTTIL & SONS LIMITED (C334) U L-ISTESS **FRANCIS BUSUTTIL & SONS LIMITED (C334) V. JOHN RIPARD & SON (SHIPPING) LIMITED (C20097) BĦALA AĠENT TAS-SOĊJETA' ESTERA MSC MEDITERRANEAN SHIPPING COMPANY S.A., GENEVA**

(AMMONT DOVUT – KAPITOLU GĦAS-SUBIZZJONI)

### MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**27 ta' Marzu 2023**

IL-QORTI,

wara li rat ir-rikors ta' Atlas Insurance PCC Limited kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat tagħha Francis Busuttil & Sons Limited u l-istess Francis Busuttil & Sons Limited ("ir-rikorrenti") ippreżentat fl-20 ta' Ottubru 2022[1] li permezz tiegħu talbu lil John Ripard & Son (Shipping) Limited bħala aġent tal-kumpanija estera MSC Mediterranean Shipping Company S.A., ("l-intimata nomine") tgħid 'l għaliex m'għandhiex tiġi kkundannata mill-Qorti illi:

[1] Fol 1-2

thallas is-somma komplessiva ta' seba' telef disa' mija tlieta u hamsin ewro (€7,953) rappreżentanti d-danni u spejjes ancillari li ghalihom ghamlet tajjeb is-socjetà attrici Atlas Insurance PCC Limited bhala indennizz a favur tal-assikurat taghha Francis Busuttil & Sons Limited - ammontanti ghal seba' telef seba' mija u tlett ewro (€7,703), ghal liema hlas a favur l-assikurat taghha l-imsemmija socjetà attrici kienet debitament surrogata fid-drittijiet tal-istess Francis Busuttil & Sons Limited skont ma jirrizulta mill-anness surrogata markata bhala **Dok. A** - filwaqt li s-socjetà attrici Francis Busuttil & Sons Limited garrbet danni ammonanti ghal mitejn u hamsin ewro (€250) bhala *policy excess;* dan rizultat ta' danni subiti f'konsenja li kienet tikkonsisti f'erba' telef (4,000) kartuna ta' tonn taz-zejt "*Kingfisher Tuna*". Is-socjetà konvenuta John Ripard & Son (Shipping) Limited *noe* kienet giet inkarigata sabiex igorr tali konsenja mill-*Mauritius*, sal-mahzen tas-socjetà attrici Francis Busuttil & Sons Limited. Mal-wasla taghha Malta fil-21 ta' Ottubru 2021, irrizulta li mitejn u erbghin (240) kartuna kienu danneggjati rizultat ta' ingress ta' ilma, liema ilma skula minn qasma illi kien hemm fis-saqaf (*roof panel*) tal-*container*, liema qasma giet kagunata waqt it-tragit hekk kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni ta' dawn il-proceduri. Isegwi ghalhekk li s-socjetà konvenuta John Ripard & Son (Shipping) Limited *noe* hija unikament responsabbli ghad-danni li qieghdin jigu hawn reklamati.

wara li rat li bl-Ordni tagħha tal-24 ta' Ottubru 2022[2] maħruġa skond l-Art. 173(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta l-Qorti *inter alia* ordnat lill-intimata nomine sabiex tippreżenta r-risposta tagħha u jekk ikun il-każ, kontrotalba, fi żmien għoxrin ġurnata min-notifika lilha tar-rikors u tal-Ordni,

wara li rat li l-intimata nomine ġiet notifikata bir-rikors promotur u bl-Ordni msemmija fit-2 ta' Novembru 2022[3],

wara li rat illi l-intimata nomine baqgħet ma' daħħlet l-ebda risposta fit-terminu prefiss lilha,

wara li rat li bl-Ordni tagħha tad-19 ta' Diċembru 2022 il-Qorti appuntat il-kawża għas-smiegħ għall-21 ta' Frar 2023[4] u sussegwentement għas-27 ta' Marzu 2023[5],

wara li rat li l-partijiet kollha ġew notifikati bl-avviżi tas-smiegħ,

wara li rat illi l-intimata nomine naqset milli tidher għas-seduta tas-27 ta' Marzu 2023[6]

wara li rat li f'dik is-seduta ġie ppreżentat mir-rikorrenti bl-awtorizzazzjoni tal-Qorti kapitolu għas-subizzjoni tal-intimata nomine[7],

wara li rat illi l-intimata nomine għal darb' oħra naqset milli tidher fis-seduta tas-27 ta' Marzu 2023[8],

[2] Fol 4-5
[3] Fol 6 wara
[4] Fol 7
[5] Fol 11
[6] Fol 12
[7] Fol 13
[8] Fol 14

wara li rat id-dokumenti kollha l-oħra esebiti fil-kawża inkluż l-affidavits ta’ Kristian Galea, Emma Gauci u Martina Felice Micallef,

qed tagħti din is-

## Sentenza

1. Ir-rikorrenti qed jitolbu mill-intimata nomine is-somma ta’ € 7,953 rappreżentanti danni u spejjeż ancillari li għamlet tajjeb għalihom il-kumpanija rikorrenti Atlas Insurance PCC Limited bħala indennizz a favur tal -assikurata tagħha, l-kumpanija rikorrenti l-oħra Francis Busuttil & Sons Limited ammontanti għal €7,703) għal liema ħlas a favur I-assikurata tagħha l-imsemmija Atlas Insurance PCC Limited ġiet debitament surrogata fid-drittijiet tal-istess Francis Busuttil & Sons Limited (kif jirriżulta minn Dok A), filwaqt li din tal-aħħar ġarrbet danni ammontanti għal € 250 bħala policy excess; dan kollu riżultat ta' danni subiti f'konsenja li kienet tikkonsisti f’ 4,000 kartuna ta' tonn taż-żejt "Kingfisher Tuna”.

2. Skond ir-rikorrenti il-kumpanija intimata John Ripard & Son (Shipping) Limited noe kienet ġiet inkarigata sabiex iġġorr tali konsenja mill-Mauritius, sal-maħżen ta’ Francis Busuttil & Sons Limited. Mal-wasla tagħha Malta fl-21 ta' Ottubru 2021, irriżulta li 240 kartuna kienu danneġġjati b’riżultat ta' ingress ta' ilma, liema ilma skula minn qasma illi kien hemm fis-saqaf (*roof panel*) tal-*container*, liema qasma ġiet kaġunata waqt it-traġitt. B’hekk skond ir-rikorrenti, il-kumpanija intimata nomine hija unikament responsabbli għad-danni reklamati.

3. Intalbu ukoll l-ispejjeż u l-imgħax legali b'effett mill-21 ta' Ottubru 2021 (data illi twasslet il-konsenja in kwistjoni) sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimata nomine li ġiet inġunta għas-subizzjoni.

4. L-intimata nomine, notifikata skond il-liġi, baqgħet ma’ daħħlet l-ebda risposta u naqset milli tidher għas-seduta tat-13 ta’ Marzu 2023[9].

5. Kien għalhekk li f’dik is-seduta ir-rikorrenti ġew awtorizzati mill-Qorti sabiex jippreżentaw kapitolu għas-subizzjoni tal-intimata nomine[10]. Fil-kapitolu, ir-rikorrenti talbu lill-intimata nomine ‘*tipprova bil-ġurament li hija debitriċi tar-*

[9] Fol 12
[10] Fol 13

*rikorrenti fis-somma u għar-raġunijiet indikati fir-rikors*'. Il-kawża imbagħad tħalliet għas-subizzjoni tal-intimata nomine għas-27 ta' Marzu 2023.

6. L-intimata nomine għal darb' oħra naqset milli tidher fis-seduta tas-27 ta' Marzu 2023 u dan sabiex twieġeb għad-domanda tar-rikorrenti.

**Il-liġi u l-każistika kif applikabbli għall-intimata nomine f'din il-kawża**

7. L-Artikolu 171(2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta li jitratta t-"*tmexxija fil-Qrati Inferjuri*" jipprovdi testwalment kif ġej:

> «171 (2). *Il-kawża għandha titmexxa sommarjament skont l-artikolu 215.* »

8. L-Artikolu 215 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta imbagħad jipprovdi b'riferenza għall-Qrati Inferjuri illi:

> « 215. *Il-qrati msemmijin fl-artikolu 213 għandhom imexxu sommarjament bl-akbar ħeffa li tkun kompatibbli mal-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja, u għandhom iħarsu id-dispożizzjonijiet ta' dan it-Titolu, sa fejn dawn id-dispożizzjonijiet jistgħu joqogħdu mal-mod li bih għandu jitmexxa fil-qrati hawn fuq imsemmija bħal ma jingħad hawn fuq.* »

9. L-Artikolu 702(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jiddisponi kif ġej:

> « 702 (1). *Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fil-kompetenza tagħha inferjuri, it-talba mill-attur għas-subizzjoni tal-konvenut issir fl-avviż imsemmi fl-artikolu 171.* »

10. L-Artikolu 699 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta però jipprovdi ukoll illi:

> « *699 (1). Fil-qrati kollha ta' kompetenza ċivili, il-kapitoli jsiru bil-miktub. Il-kapitoli għandhom jiġu approvati mill-qorti.*
>
> *(2) Il-kapitoli għandhom jiġu ppreżentati lill-qorti waqt is-smigħ tal-kawża għalbiex jiġu approvati*»

11. L-Artikolu 713 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid illi:

> « 713. *Il-prova bil-mezz tas-subizzjoni tista' f'kull każ issir sew qabel kemm wara li jinġiebu provi oħra, sew fil-qorti tal-ewwel grad kemm fil-qorti fi grad ta' appell.* »

12. It-talba għas-subizzjoni tal-intimata nomine saret mir-rikorrenti kemm fir-rikors promotur u kif ukoll fis-seduta tat-13 ta' Marzu 2023.

13. Issa skond l-Artikolu 702(3)(b) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta *inter alia*, jekk il-parti, msejjħa għas-subizzjoni, ma tidhirx fil-jum mogħti għas-smigħ tal-kawża u l-pretenzjoni miġjuba quddiem il-Qorti tkun ta' aktar minn ħames mija u tnejn u tmenin euro u erbgħa u tletin ċenteżmu (€ 582.34), kif inhu l-każ f'din il-kawża:

> « 702 (3)(b) ... *il-Qorti għandha tħalli l-kawża għal darb'oħra … u l-kapitoli kif ikunu ġew imniżżlin mill-qorti jitqiesu mistqarra kemm-il darba l-parti li tagħha tintalab is-subizzjoni, mingħajr ma tinġieb raġuni tajba għal dak in-nuqqas, terġa' tonqos li tidher fil-jum li għalih il-qorti tkun ħalliet il-kawża kif intqal.* »

14. Kif ingħad iżjed 'l fuq, wara li ġie ppreżentat il-kapitolu għas-subizzjoni tal-intimata nomine fis-seduta tat-13 ta' Marzu 2023, din il-Qorti ħalliet il-kawża għas-seduta tas-27 ta' Marzu 2023 sabiex l-intimata nomine twieġeb għad-domanda tar-rikorrenti.

15. Meta fis-seduta tas-27 ta' Marzu 2023 l-intimata nomine naqset għal darb' oħra milli tidher sabiex twieġeb għad-domanda tar-rikorrenti hija effettivament ammettiet illi hija debitriċi tar-rikorrenti fis-somma u għar-raġunijiet indikati fir-rikors.

16. Fil-kawża **<u>Anthony Borg v. Samwel Veneziani</u>** (Qorti tal-Appell Ċivili, 181/97/01JSP deċiża fit-28 ta' April 1998) il-Qorti tal-Appell qalet illi

> « *din iċ-ċirkustanza hi ħafna rilevanti għaliex tfisser illi bin-nuqqas tal-konvenut appellat li jidher biex jikkontesta l-kapitolu, saret prova posittiva li l-ammont reklamat mill-attur kien dovut lilu għal raġunijiet minnu pretiżi u dana bl-ammissjoni – anke jekk negattiva fis-sens ta' non-kontestazzjoni – ta' l-istess konvenut.* »

**Provi**

17. Fis-27 ta' Marzu 2023 ir-rikorrenti ppreżentaw l-affidavits ta' **<u>Kristian Galea</u>** (*Senior Associate* ta' Atlas Insurance PCC Limited), **<u>Emma Gauci</u>** (*Cargo Surveyor* ta' O.F. Gollcher & Sons Limited) u **<u>Martina Felice Micallef</u>** (*Shipping Executive* ta' Francis Busuttil & Sons Marketing Limited) flimkien ma' numru ta' ritratti tal-*container* MEDU2341809 mal-wasla tiegħu ġewwa l-Port Ħieles, Malta.

18. Miġbura kollha flimkien dawn il-provi jagħtu stampa konklussiva tal-akkadut, tad-danni li ġew ikkawżati, ta' min hu responsabbli għalihom, tar-relazzjoni kuntrattwali bejn il-kumpaniji rikorrenti Atlas Insurance PCC Limited u Francis Busuttil & Sons

Marketing Limited u tal-ħlas li ġie effettwat mill-assigurattriċi lill-assigurata tagħha in konferma tas-*subrogation form* li ġie annessa mar-rikors promotur u mmarkata bħala Dok A.

**Kunsiderazzjonijiet**

19. Kif ingħad mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fis-sentenza **Noel Sultana v. Tony Xerri** (App. Nru. 7/2009/1 PS – 07.07.2010):

> « *... huwa dejjem ta' rilevanza li jigi denotat f'kazijiet ta' din ix-xorta illi l-apprezzament tal-pertinenza u ta' l-influwenza tal-kapitoli tikkostitwixxi valutazzjoni ta' natura diskrezzjonali rizervata lill-gudikant fil-mertu... ghalkemm in-nuqqas ta' twegiba ghal kapitolu taghmel prova posittiva jew argoment indizzjarju ta' prova, il-valur ta' din l-istess prova seta' dejjem jigi mwarrab jekk, fuq l-apprezzament prudenzjali, jinstab li l-oggett tat-talba mhux sufficjentement suffragat minn elementi ohra ta' prova akkwiziti mill-process*. »

20. Il-Qorti tal-Appell (Superjuri) qalet ukoll fis-sentenza **James Trapani v. Vincent Cilia** (28.04.2000) illi:

> « *ghalkemm il-kapitoli jitqiesu konfessati pero dan ma jfisserx li l-Qorti kienet obbligata toqghod fuq il-prezunta ammissjoni. Dik il-prova kellha tigi evalwata u meqjusa flimkien ma' kull prova ohra li sa dak l-istadju setghet kienet diga prodotta quddiem il-Qorti.* »

21. Mill-assjem tal-provi mressqa il-Qorti hija sodisfatta illi l-intimata nomine hija unikament responsabbli għad-danni kkawżati lir-rikorrenti u għalhekk hija tabilħaqq debitriċi tagħhom fl-ammont totali ta' sebat elef disa' mija u tlieta u ħamsin euro (€ 7,953).

**Deċiżjoni**

22. **Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tiddisponi minn din il-kawża billi tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u**

    1. **Tiddikjara li l-intimata nomine hija debitriċi tar-rikorrenti fis-somma ta' sebat elef disa' mija u tlieta u ħamsin euro (€ 7,953) rappreżentanti danni u spejjeż anċillari li għamlet tajjeb għalihom il-kumpanija rikorrenti Atlas Insurance PCC Limited bħala indennizz a favur tal - assikurata tagħha, l-kumpanija rikorrenti l-oħra Francis Busuttil & Sons Limited ammontanti għal  €7,703) għal liema ħlas a favur l-assikurata tagħha l-imsemmija Atlas Insurance PCC Limited ġiet debitament surrogata fid-drittijiet tal-istess Francis Busuttil & Sons Limited, filwaqt li din tal-aħħar ġarrbet danni ammontanti għal € 250**

**bħala policy excess; dan kollu riżultat ta' danni subiti f'konsenja li kienet tikkonsisti f' 4,000 kartuna ta' tonn taż-żejt "Kingfisher Tuna" li għaliha kienet responsabbli l-intimata nomine u għal liema danni hija responsabbli għalihom l-istess intimata nomine.**

2. **Tikkundanna lill-intimata nomine tħallas lir-rikorrenti dan l-ammont flimkien mal-imgħax legali dekoribbli mill-21 ta' Ottubru 2021 sad-data tal-effettiv pagament bir-rata ta' 8% fis-sena.**

3. **Fir-rigward tal-ispejjeż kif mitluba dawn jkunu a karigu tal-intimata nomine.**

V.G. Axiak — Y.M. Pace

Maġistrat — Dep. Reġistratur